ĦAŻ-ŻABBAR
Citta` Hompesch

# Minuti tal-31 laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's

Il-wieħed u t-tletin laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's saret nhar it-Tlieta, 18 ta' Settembru, 2012. Il-laqgħa bdiet fis-6.15 ta' filgħaxija.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu iċ-*Chairperson* is-Sinjura Maria Elena Debattista, il-Viċi-*Chairperson* is-Sur Norman Clews, is-Sur Luciano Farrugia, s-Sur Mario Bartolo u s-Sur Joe Agius.

Item 2- Approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti tat-30 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Agius li ġiet issekondata mis-Sur Clews..

Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti

Is-Sur Farrugia staqsa jekk il-Kunsill irċeviex risposta minn Transport Malta dwar meta ser jibda x-xogħol tal-entratura fi Triq l-Għakrux sabiex jitneħħa kull periklu. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv wieġbet fin-negattiv.

Is-Sur Farrugia talab li l-Kumitat jikteb lill-Transport Malta biex jiġi nfurmat meta kien ser isir xogħol ta' *resurfacing* fi Triq Patri Feliċjan Grech.

Item 4 – Korrisponenza

Inqrat korrispondenza mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar l-offerta sabiex isir ix-xogħol ta' *resurfacing* ta' Triq il-Marzebb. Il-Kumitat Amministrattiv intalab jerga' joħroġ is-sejħa mill-ġdid sabiex tkun tista tiġi estiza l-għeluq tad-data sa l-aħħar ta' Diċembru 2012 u l-Kumitat jibbenifika mil-iskema. Il-Kumitat Amministrattiv ġie wkoll infurmat li mhux possibli li jingħata fondi addizzjonali peress li ma kienx hemm aktar fondi taħt din l-iskema. Is-Sur Bartolo talab li tinħareġ sejħa ġdida.

Is-Sur Farrugia ssuġerixxa li jsir xogħol ta' manutenzjoni u mhux xogħol ta' rikostruzzjoni ta' triq peress li l-Kumitat ma kellux l-ammont li qed jitolbu l-kuntratturi.

Is-Sur Farrugia ppropona li l-Perit tal-Kunsill jlesti dokumenti u ssir stima ta' dan ix-xogħol. Is-Sur Bartolo ssekonda l-proposta tas-Sur Farrugia u l-Kumitat qabel li tinġab stima ta' dan ix-xogħol.

<u>Item 5 – Xogħol tal-Kumitat</u>

Is-Sur Agius talab li l-Perit tal-Kunsill jagħmel stima ta' xogħol ta' manutenzjoni ta' Triq Zarzarell u Triq il-Werzieq.

<u>Item 6 – Affarijiet Oħra</u>

Is-Sinjura Debattista semmiet il-bżonn li jinqata l-qasab li hemm fi Triq Farfett tal-Fejġel.

Is-Sur Bartolo talab li l-Kumitat iġieb kwotazzjonijiet sabiex jitneħħa l-materjal li hemm fi propjeta` privata fi Triq Dun Salv Sciberras.

Is-Sur Bartolo talab li tintbgħat ittra lir-residenti fi Triq iz-Zagħrun biex ma joħorġux l-iskart fil-kantuniera tat-triq.

Is-Sinjura Debattista talbet sabiex titwaħħal mera fi Triq San Leonardu kantuniera ma' Triq iz-Zagħrun.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.30 ta' filgħaxija.

Isabella Testaferrata De Noto
Deputat Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fit-32 laqgħa li saret nhar il-Ħamis, 18 ta' Ottubru 2012.

Maria Elena Debattista
Chairperson